# Sommarju eżekuttiv

## Sommarju eżekuttiv

Fost aktar minn 100 indikatur ippreżentati f'dan ir-rapport, 12 ġew identifikati bħala indikaturi ewlenin. Huma maħsuba sabiex jagħtu stampa ġenerali ta' jekk l-UE għamlitx progress lejn żvilupp sostenibbli f'termini tal-għanijiet u l-miri definiti fl-Istrateġija tal-UE għal Żvilupp Sostenibbli (SŻS UE). Evalwazzjoni tal-progress li sar mis-sena 2000 'l hawn fuq il-bażi ta' dawn l-indikaturi ewlenin turi stampa kemxejn differenti, kif muri fit-tabella ta' hawn taħt.

**Tabella 0.1:** Evalwazzjoni tal-bidliet fl-indikaturi ewlenin tal-SDI (UE-27, mis-sena 2000) ([1])

| Tema tal-SDI | Indikatur ewlieni | Evalwazzjoni tal-bidla fl-UE-27 |
|---|---|---|
| Żvilupp soċjoekonomiku | PDG reali per capita | |
| Konsum u produzzjoni sostenibbli | Produttività tar-riżorsi | |
| Inklużjoni soċjali | Persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali (*) | |
| Bidliet demografiċi | Rata ta' impjieg ta' ħaddiema kbar fl-età ([2]) | |
| Saħħa pubblika | Stennija tal-għomor mat-twelid (**) | |
| Tibdil fil-klima u enerġija | Emissjonijiet ta' gass serra | |
| | Sehem ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija (**) | |
| | Konsum tal-enerġija primarja | |
| Trasport sostenibbli | Konsum tal-enerġija fit-trasport fir-rigward tal-PDG | |
| Riżorsi naturali | Indiċi tal-għasafar komuni | |
| | Qabdiet ta' ħut minn stokkijiet barra limiti bijoloġiċi sikuri | |
| Sħubija globali | Għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (**) | |
| Governanza tajba | [Ebda indikatur ewlieni] | : |

(*) Mill-2008 (**) Mill-2004

Il-paġni li ġejjin jipprovdu valutazzjoni iktar dettaljata tax-xejriet ewlenin osservati mis-sena 2000 'l hawn, u jikkomplimentaw l-analiżi tal-indikaturi ewlenin tal-SDI.

([1]) Spjegazzjoni tal-metodu ta' evalwazzjoni u t-tifsira tas-simboli tat-temp tingħata fl-introduzzjoni.
([2]) Minħabba bidla fil-metodoloġija, l-evalwazzjoni tal-indikaturi mhijiex paragunabbli ma' edizzjonijiet preċedenti tar-Rapport ta' Monitoraġġ. Għal iktar dettalji, jekk jogħġbok ara l-kapitlu dwar il-"bidliet demografiċi" f'dan ir-rapport.

## L-UE miexja lejn żvilupp sostenibbli?

### Xejriet importanti fl-iżvilupp soċjoekonomiku

#### Il-PDG reali per capita — sinjali ta' rkupru kajman?

- Bejn l-2000 u l-2012 **il-PDG reali per capita** fl-UE żdied b'medja ta' 0.9 % fis-sena. Fil-perjodu mill-1995 sal-2007, qabel faqqgħet il-kriżi ekonomika, il-PDG per capita kien qiegħed jiżdied bla heda fl-UE, b'rata annwali medja ta' 2.4 %.
- Il-kriżi finanzjarja u ekonomika ħafnet l-ekonomija reali fl-2008, bil-PDG per capita jinżel b'4.8 % fl-2009 (meta mqabbel mal-2008). Implimentazzjoni rapida ta' stimoli fiskali u azzjonijiet politiċi oħrajn fil-livell nazzjonali u tal-UE kkontrollaw l-agħar effetti tal-kriżi u stabbilizzaw il-PDG per capita fl-2010 u l-2011.
- Fl-2012, fl-isfond ta' rkupru dgħajjef, il-PDG reali per capita reġa' naqas b'0.6 % meta mqabbel mal-2011.

#### Ir-riċessjoni tkompli taffettwa l-klima tal-investimenti fl-UE

- Bejn l-2003 u l-2007 **l-investiment** (bħala sehem mill-PDG) żdied b'mod moderat, billi segwa ċ-ċiklu ekonomiku. Hekk kif il-kunfidenza tal-familji u l-korporazzjonijiet intilfet fit-taqlib tas-suq finanzjarju u l-kriżi ekonomika, l-investiment beda t-triq tan-niżla. It-tnaqqis qawwi fl-investiment sal-inqas livell fl-aħħar deċennju ta' madwar 19 % bejn l-2009 u l-2011 kien primarjament xprunat minn tnaqqis fis-settur kummerċjali.
- Bejn l-2000 u l-2012, ir-**rata ta' tfaddil tal-familji** fl-UE segwiet iċ-ċiklu ekonomiku. Filwaqt li l-familji naqqsu r-rati ta' tfaddil tagħhom meta l-ekonomija stagħnat bejn l-2003 u l-2007, din ix-xejra reġgħet lura mat-taqlib ekonomiku u l-inċertezza kbira fis-suq wara l-kriżi. Minkejja sinjali ta' rkupru ekonomiku batut, ir-rata ta' tfaddil tal-familji reġgħet bdiet tonqos wara l-2009.

#### L-ekonomija tal-UE saret iktar kompetittiva u innovattiva?

- Iż-żieda kostanti fil-**produttività tax-xogħol** bejn l-2000 u l-2007 trażżnet mit-tnaqqis fl-attività ekonomika fl-2008 u l-2009. Għad li l-produttività reġgħet qabdet fl-2010 u kompliet tissaħħaħ fis-snin ta' wara, it-titjib fit-tul ser jiddependi fuq aġġustamenti fil-ġejjieni tas-suq tax-xogħol. Dan jista' jinkludi bidliet fil-flussi tal-ħaddiema bejn l-istati, is-setturi u r-reġjuni jew ir-rispons tal-pagi għall-kundizzjonijiet differenti tas-suq tax-xogħol.
- Fil-perjodu bejn l-2000 u l-2007 in-**nefqa totali fir-R&Ż** bħala sehem mill-PDG baqgħet relattivament stabbli għal 1.85 %. L-indikatur baqa' reżiljenti għall-effetti f'terminu qasir tal-kriżi ekonomika. Tant hu hekk li ġiet irreġistrata żieda moderata fl-2008 u l-2009 qabel stabbilizzazzjoni għal 2 % fis-sentejn ta' wara. Dan huwa dovut l-iktar għall-isforzi tal-gvernijiet biex isostnu t-tkabbir ekonomiku billi jsaħħu n-nefqa fir-R&Ż.
- **L-intensità tal-enerġija** fl-UE naqset b'mod kostanti bejn l-2003 u l-2009, segwita minn irkupru fl-2010 u tnaqqis mgħaġġel fl-2011. Ix-xejra pożittiva seħħet fl-isfond ta' diżakkoppjar assolut tal-konsum gross domestiku tal-enerġija mit-tkabbir ekonomiku.

#### Irkupru tas-suq tax-xogħol li tmewwet

- Ir-rata ta' impjieg tal-UE żdiedet minn 66.6 % fl-2000 għal 70.3 % fl-2008. Iż-żieda ntemmet fl-2009 hekk kif ir-riċessjoni ekonomika tawlet l-istaġnar tas-suq tax-xogħol u r-rata ta' impjieg baqgħet madwar 68.5 % sal-2012. Dan żvija lill-UE milli tilħaq il-mira ta' 75 % tal-Ewropa 2020.
- Bejn l-2000 u l-2007 id-**disparitajiet reġjonali fl-impjiegi** fl-UE naqsu b'2.1 punti perċentwali. Il-progress tgħatta mill-kriżi ekonomika, li gradwalment ġabet l-inugwaljanzi reġjonali fl-impjiegi lura fil-livell tal-2000 (13.3 % fl-2012). Fuq nota pożittiva, id-disparità bejn is-sessi fl-impjiegi reġjonali naqset fl-inqas punt tad-deċennju għal 5.6 punti perċentwali.
- B'mod ġenerali, fil-perjodu bejn l-2001 u l-2004 ir-**rata totali tal-qgħad** fl-UE żdiedet. Fl-erba' snin ta' wara (mill-2005 sal-2008), ir-rata tal-qgħad naqset bla heda, tant li niżlet sa 7.1 % fl-2008. Dan it-titjib kien segwit minn żieda kostanti, u fl-2012 ir-rata tal-qgħad tal-UE laħqet l-ogħla punt storiku ta' 10.5 %.

## Xejriet ewlenin fil-konsum u l-produzzjoni sostenibbli

### Diżakkoppjar assolut tal-użu materjali mit-tkabbir ekonomiku?

- Fl-2011 l-UE rnexxielha tiġġenera valur ekonomiku ta' EUR 1.60 għal kull kilogramma ta' materjal ikkonsmat. Dan kien titjib konsiderevoli fil-**produttività tar-riżorsi** mis-sena 2000, meta nħoloq biss EUR 1.34 għal kull kg mill-istess ammont ta' riżorsi.
- Dan il-gwadann fl-effiċjenza seħħ għaliex il-PDG kien qed jiżdied b'rata iktar mgħaġġla mill-**konsum domestiku ta' materjali** (DMC), b'mod partikolari qabel faqqgħet il-kriżi ekonomika. Mill-2007, l-użu tar-riżorsi tal-UE niżel b'mod kostanti, biex id-DMC waqa' saħansitra taħt il-livelli ta' għaxar snin ilu. Madankollu, l-irkupru ekonomiku jindika treġġigħ lura tax-xejra fl-2011.
- Dawn ix-xejriet diverġenti — tkabbir fil-PDG u tnaqqis fid-DMC fl-istess ħin — jimplikaw diżakkoppjar assolut tat-tkabbir ekonomiku mill-użu tar-riżorsi fl-UE bejn l-2000 u l-2011. Madankollu, mhuwiex ċar jekk fil-fatt din hijiex paġna ġdida fix-xejriet tal-użu tar-riżorsi jew hijiex sempliċiment riflessjoni tal-impatt tal-kriżi ekonomika fuq l-industriji intensivi fl-użu tar-riżorsi bħall-kostruzzjoni.

### Titjib fit-trattament tal-iskart u l-emissjonijiet tas-sustanzi niġġiesa

- Prattiki tat-**trattament tal-iskart** tjiebu b'mod konsiderevoli fl-UE mill-2000 lil hawn. L-użu ta' miżbli, l-inqas metodu ekoloġiku ta' rimi, ġie sostitwit b'mod gradwali minn inċinerazzjoni u, sa ċertu punt iktar diffuż, minn riċiklaġġ u kompostar. Fl-2011, madwar 40 % tal-iskart muniċipali ġie rriċiklat jew kompost.
- Hemm varjazzjoni qawwija fit-trattament tal-iskart fl-UE. Fl-2011, l-użu ta' miżbli kien il-mod primarju ta' rimi tal-iskart fil-Bulgarija, il-Kroazja u r-Rumanija (iktar minn 90 %), filwaqt li s-sehem tagħhom kien inqas minn 1 % fil-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvezja.
- Seħħ titjib simili b'**emissjonijiet atmosferiċi** ta' sustanzi aċidifikanti u prekursuri tal-ożonu. It-tnaqqis kostanti mis-snin disgħin ippermettew lill-UE-27 sabiex tilħaq il-miri tal-emissjonijiet tagħha għall-ossidi tal-kubrit ($SO_X$) u komposti organiċi volatili mhux metaniċi (NMVOC) sal-2011. Madankollu, 12-il Stat Membru rrapportaw emissjonijiet ogħla mil-limiti nazzjonali tagħhom għal tal-inqas wieħed mill-erba' sustanzi niġġiesa.

### Ebda xejra ċara lejn xejriet ta' konsum iktar sostenibbli

- **Il-konsum tad-dawl tad-djar** żdied kważi bla heda mill-1990 lil hawn. Din ix-xejra kienet xprunata l-iktar minn żieda fin-numru ta' familji u bidliet fix-xejriet tal-konsum tagħhom, li qatgħet it-titjib fl-effiċjenza tal-apparati elettroniċi. Dan il-fenomenu huwa magħruf bħala l-'effett rebound'. Għall-kuntrarju ta' indikaturi oħrajn tal-konsum f'dan ir-rapport, il-konsum tad-dawl tal-familji baqa' kemxejn inaffettwat mill-kriżi ekonomika, bl-2011 li kienet l-ewwel sena li wriet tnaqqis qawwi fl-użu tal-elettriku mill-1990.
- B'mod simili, **il-konsum finali tal-enerġija** fl-UE ilu jiżdied mill-1990. Madankollu, fl-2005 inbidlet il-paġna, bl-użu tal-enerġija li stabbilizzat u mbagħad waqqgħat fis-snin ta' wara. It-tiċkin fl-ekonomija tal-UE fl-2009 u l-2011 ikkontribwixxa għat-tnaqqis, billi niżżel il-konsum finali tal-enerġija fl-2011 fil-livelli ta' qabel is-sena 2000.
- Peress li l-konsum tal-elettriku tal-familji u l-konsum finali tal-enerġija wrew xejriet differenti, b'mod partikolari mill-2005, mhuwiex possibbli li jiġi konkluż jekk ix-xejriet tal-konsum fl-UE sarux iktar sostenibbli.

### Xejriet ta' produzzjoni iktar ekoloġika

- Għall-kuntrarju, ix-xejriet tal-produzzjoni tjiebu fl-UE tul l-aħħar snin. In-numru ta' organizzazzjonijiet li implimentaw sistema ċċertifikata ta' mmaniġġjar ambjentali skont l-**Iskema ta' Mmaniġġjar u Awditjar Ekoloġiċi (EMAS)** żdied mill-2003. Fl-2013, l-użu tal-EMAS — mogħti f'numru ta' organizzazzjonijiet irreġistrati fl-EMAS għal kull miljun abitant — kien partikolarment għoli f'Ċipru, l-Awstrija, Spanja, l-Italja, il-Ġermanja u d-Danimarka.
- B'mod simili, il-prattiki agrikoli baqgħu jsiru dejjem iktar sostenibbli fl-UE mill-2005, kif muri miż-żieda fis-sehem tal-**biedja organika**. Dan l-iżvilupp dinamiku kien rifless ukoll fil-bejgħ dejjem aqwa ta' prodotti organiċi fis-suq tal-ikel tal-UE.

## Xejriet ewlenin fl-inklużjoni soċjali

### In-numru ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali żdied mill-2008

- Bejn l-2008 u l-2012 in-numru ta' **nies f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali** żdied bi 8.7 miljun, minn 115.7 miljun għal 124.4 miljun. Dan in-numru baqa' nieżel bejn l-2005 u l-2009. Madankollu, malli bdiet il-kriżi ekonomika reġa' beda tiela'.
- Il-124.4 miljun ruħ f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali fl-UE fl-2012 jissarraf f'sehem ta' 25 % mill-popolazzjoni totali. Dan ifisser li kwart mill-popolazzjoni tal-UE esperjenzaw tal-inqas forma waħda ta' faqar koperta mill-indikatur ewlieni tat-tema, jiġifieri faqar monetarju, tiċħid materjali serju u nuqqas ta' aċċess għal impjiegi. Il-livelli attwali ta' faqar u esklużjoni soċjali jxekklu l-mira tal-istrateġija tal-Ewropa 2020 biex jittaffa l-faqar, li għandha l-għan li taqla' lil tal-inqas 20 miljun ruħ mir-riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali sal-2020.

### Żieda fil-faqar monetarju u kundizzjonijiet tal-għajxien li qed imorru għall-agħar

- In-numru ta' nies **f'riskju ta' faqar wara trasferimenti soċjali** żdied minn 80.7 miljun fl-2008 għal 85.3 miljun fl-2012. Għall-kuntrarju tal-indikatur ewlieni, dan in-numru ra żieda kważi bla heda mill-2005, anki qabel il-kriżi ekonomika, b'aċċelerazzjoni wara l-2009. Il-faqar monetarju huwa l-iktar forma prevalenti ta' faqar fl-UE, li affettwat 17.1 % tal-popolazzjoni sħiħa tal-UE fl-2012.
- In-numru ta' persuni affettwati minn **tiċħid materjali serju** żdied b'mod konsiderevoli mill-2008 għall-2012, minn 41.4 miljun għal 51.0 miljun. Madankollu, ix-xejra ma kinitx kontinwa, bl-2009 li mmarkat sena ta' bidla importanti. Filwaqt li n-numru ta' persuni f'tiċħid materjali serju naqas b'mod konsiderevoli bi kważi 12-il miljun bejn l-2005 u l-2009, minn dak iż-żmien reġa' tela' bi 11.2 miljun, u dan irriżulta f'10.3 % tal-popolazzjoni tal-UE affettwata fl-2012.
- Bejn l-2005 u l-2012 **l-inugwaljanza fid-dħul** ftit li xejn inbidlet. Fl-2012, l-iktar 20 % sinjuri tal-popolazzjoni fl-UE qalgħu iktar minn 38 % tal-introjtu nazzjonali ekwivalizzat u b'hekk madwar ħames darbiet iktar mill-ifqar 20%, li ammontaw biss għal sehem ta' ftit inqas minn 8 %.

### Ebda xejra ċara lejn suq tax-xogħol iktar sostenibbli

- In-numru ta' nies li jgħixu f'familji b'**intensità tax-xogħol baxxa ħafna** żdied bejn l-2008 u l-2012, minn 34.3 miljun għal 36.9 miljun. B'konformità ma' indikaturi oħrajn relatati mal-faqar, dan in-numru naqas bejn l-2006 u l-2009, iżda mbagħad reġa' tela' b'mod parallel ma' livelli tal-qgħad li żdiedu, qabel ma niżel b'4.1 % bejn l-2011 u l-2012. L-inattività ekonomika żżid b'mod sostanzjali r-riskju ta' faqar. Fl-2012, 9.8 % tal-popolazzjoni tal-UE b'età ta' bejn 0 u 59 kienu jgħixu f'familji b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna.
- Ir-**rata ta' qgħad fit-tul** tal-UE wriet xejra li naqset bejn l-2004 u l-2008. Madankollu, mill-2008 'l hawn ir-rata reġgħet żdiedet, u laħqet l-ogħla livell storiku ta' 4.6 % fl-2012.
- Bejn l-2006 u l-2011 id-**differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa** naqset b'mod sostanzjali. Minkejja din ix-xejra favorevoli, il-qligħ gross fis-siegħa tan-nisa kien għadu 16.2 % inqas minn dak tal-irġiel fl-2011.

### Titjib fl-edukazzjoni

- Is-sehem ta' **persuni li jieqfu mill-iskola u t-taħriġ qabel iż-żmien** naqas b'mod kostanti mill-2003, u laħaq it-12.8 % fl-2012. Jekk jistgħu jinżammu x-xejriet riċenti, jidher li l-mira li jonqsu r-rati tal-persuni li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien għal inqas minn 10 % sal-2020 tista' tintlaħaq.
- Is-sehem tal-popolazzjoni fl-età ta' bejn it-30 u l-34 li laħqu **l-livell tal-edukazzjoni terzjarja** baqa' jiżdied bla heda mill-2000 'l hawn. Ix-xejra tissuġġerixxi li l-mira tal-Ewropa 2020 li jiżdied dan is-sehem għal tal-inqas 40 % sal-2020 ser tintlaħaq.
- Is-sehem ta' **adulti b'livell tal-edukazzjoni baxx** niżel b'mod sostanzjali mill-2000. Ix-xejra hija viżibbli fost il-gruppi tal-etajiet kollha.
- Il-parteċipazzjoni fit-**tagħlim tul il-ħajja** żdiedet bejn l-2003 u l-2012; madankollu, ħafna minn din iż-żieda seħħet bejn l-2003 u l-2005, filwaqt li l-parteċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja ma ratx iktar progress minn dak iż-żmien 'il hawn. Il-pajjiżi Nordiċi kisbu l-ogħla rati ta' parteċipazzjoni, filwaqt li l-Bulgarija, il-Greċja u r-Rumanija rreġistraw progress batut jew ebda progress affattu fit-titjib tal-livelli baxxi ta' involviment tagħhom.

## Xejriet ewlenin fil-bidliet demografiċi

### Ir-rata ta' impjieg tal-ħaddiema kbar fl-età mhux affettwati mill-kriżi ekonomika

- 48.9 % tal-**ħaddiema kbar** kienu jaħdmu fl-2012. Ir-**rata ta' impjieg** tjiebet ftit u kontinwament mill-2000 'l hawn. Iż-żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-ħaddiema kbar fl-età hija xejra stabbli, li tidher li tiflaħ għall-kriżi ekonomika. Minkejja dan, il-mira ta' 50 % stabbilita fl-istrateġija ta' Lisbona – il-predeċessur tal-Ewropa 2020 – li kellha tintlaħaq fl-2010 għadha ma ntlaħqitx.
- Tiċkin tad-distakk fl-impjiegi tal-ħaddiema kbar fl-età bejn l-irġiel u n-nisa huwa ċar tul il-perjodu bejn is-sena 2000 u 2012. Filwaqt li r-rata ta' impjieg għan-nisa baqgħet inqas minn dik tal-irġiel, iż-żieda kienet ogħla b'mod ċar għan-nisa, b'14.4 punti perċentwali mis-sena 2000, meta mqabbla mad-9.3 punti perċentwali għall-irġiel.

### Ix-xejriet tal-istruttura tal-popolazzjoni jikkonfermaw l-isfidi demografiċi

- **L-istennija tal-għomor fl-età ta' 65** fl-UE kienet f'livell ta' 21.3 sena għan-nisa u 17.2 sena għall-irġiel fl-2011. Mill-2002 l-istennija tal-għomor żdiedet bla heda għaż-żewġ sessi u d-distakk bejn l-irġiel u n-nisa naqas. Hekk kif ir-rata ta' żieda fis-sena fl-2011 kienet inqas minn 1 % għan-nisa, mhuwiex ċar jekk hijiex ser tibqa' tiżdied fil-ġejjieni.
- Fl-2011 ir-**rata ta' fertilità** tal-UE kienet ta' 1.57 ulied għal kull mara. Dan jindika żieda ta' 8 % mill-2002 lil hawn. Minkejja dan, wara perjodu ta' stabbilizzazzjoni ta' 1.6 ulied, in-numru medju ta' tfal imwildin naqas fl-2011.
- Minbarra t-tnaqqis riċenti fir-rata ta' fertilità, ir-**rata netta ta' migrazzjoni** fl-UE naqset fl-2011. Dawn iż-żewġ xejriet dixxendenti jistgħu jwasslu għal żieda fil-bidla demografika, b'sehem li qed jiżdied ta' nies kbar fl-età fil-pajjiżi Ewropej.
- Is-**sehem ta' anzjani meta mqabblin mal-popolazzjoni attiva** fl-UE żdied b'mod kostanti għal livell ta' 25.8 % fl-2012. Il-projezzjonijiet riċenti jbassru żieda ssoktata fil-ġejjieni sal-2050, segwita minn stabbilizzazzjoni f'livell ta' madwar 55%.

### Ebda titjib sostanzjali fil-livelli ta' dħul tal-pensjonanti

- Fl-2012 il-**livell ta' dħul medju tal-pensjonanti** fl-UE kien ta' 56 % tal-qligħ tal-popolazzjoni attiva ta' bejn 50 u 59 sena. Wara li baqa' ftit jew wisq stabbli għal madwar 50 %, is-sehem ta' sostituzzjoni ra xejra ta' żieda moderata mill-2010 'l hawn.
- Fost l-Istati Membri tal-UE, is-sehem ta' livelli ta' dħul mill-pensjonijiet ta' anzjani meta mqabbel mal-livell ta' dħul minn qligħ ta' dawk b'età ta' bejn 50 u 59 sena varja minn 39 % f'Ċipru għal 79 % fil-Lussemburgu. Bejn l-2005 u l-2012, il-firxa bejn l-Istati Membri żdiedet ftit.

### Għadu ma deherx irkupru tal-finanzi pubbliċi fl-UE

- **Id-dejn pubbliku** fl-UE żdied b'mod konsiderevoli minn meta bdiet il-kriżi ekonomika fl-2007. Wara li niżel taħt il-livell ta' referenza ta' Maastricht ta' 60 % fl-2007 (għal 59 %), reġa' tela' sostanzjalment fis-snin ta' wara, tant li laħaq il-85.3% tal-PDG tal-2012. Madwar l-UE, il-livelli ta' dejn pubbliku varjaw ħafna, minn 10.1 % tal-PDG fl-Estonja sa 156.9 % fil-Greċja.
- Fattur wieħed tal-infiq pubbliku huwa l-ispejjeż għall-ħlasijiet tal-pensjoni mill-istat. Ħafna Stati Membri rriformaw is-sistemi tal-pensjoni biex jestendu d-**durata tal-ħajja tax-xogħol** tal-popolazzjoni. Bejn l-2000 u l-2011, id-durata medja tal-ħajja tax-xogħol fl-UE żdiedet b'1.8 snin. Fl-2011 l-irġiel kienu jaħdmu medja ta' 37.4 sena u n-nisa 31.9 sena tul ħajjithom kollha.

## Xejriet ewlenin fis-saħħa pubblika

### Titjib fl-istennija tal-għomor ma wassalx għal ħajja itwal u b'saħħitha

- Bejn l-2004 u l-2011 **l-istennija tal-għomor fit-twelid** għan-nisa u għall-irġiel żdied b'mod moderat b'rata ta' tkabbir annwali ta' 0.4 % (irġiel) u 0.3 % (nisa). Għall-kuntrarju, in-numru ta' **snin ta' ħajja b'saħħitha fit-twelid** ma żdiedx għan-nisa u żdied biss bi ftit għall-irġiel.
- Rati ogħla ta' żieda fl-istennija tal-għomor u rati inqas ta' żieda fis-snin b'saħħithom jimplikaw li bħala medja, in-nies ma jgawdux is-saħħa iżda għandhom xi tip ta' diżabilità jew marda.

### Titjib fl-indikaturi tas-saħħa li taffa minn meta bdiet il-kriżi ekonomika, u persistenza tal-inugwaljanzi fis-saħħa

- Bejn l-2000 u l-2009 ir-**rata ta' mwiet minħabba mard kroniku** naqset minn 142 għal 116 ruħ għal kull 100 000 persuna ta' inqas minn 65 sena fl-UE. L-irġiel, li bħalissa għandhom probabilità ikbar li jmutu b'marda kronika, raw tnaqqis ikbar (2.4 %) min-nisa (1.9 %), u dan jissuġġerixxi konverġenza tas-sessi fir-rati ta' mwiet. Minkejja t-titjib fir-rati ta' mwiet minħabba mard kroniku, is-sehem ta' mwiet minħabba mard kroniku fuq l-imwiet kollha baqa' kostanti. Dan jindika li t-tnaqqis fir-rati ta' mwiet minn mard kroniku jista' jkun spjegat primarjament mit-tnaqqis ġenerali fir-rati ta' mwiet.
- Ir-**rata ta' mwiet minn suwiċidji** rreġistrat tnaqqis medju ġenerali ta' 1.4 % bejn l-2000 u l-2010. Madankollu, ix-xejra ma kinitx kontinwa. Bejn l-2000 u l-2007, it-tnaqqis annwali medju kien ferm ogħla, bi 2.5 %. Madankollu, is-suwiċidji żdiedu sostanzjalment matul l-2008 (bi 2 %) u l-2009 (bi 3 % oħra), iżda reġgħu naqsu fl-2010. Ħafna miż-żieda fir-rati ta' mwiet minn suwiċidji mill-2007 'l hawn kienet esperjenzata mill-irġiel, u din potenzjalment tirrifletti l-impatt tal-kriżi ekonomika fuq il-qgħad.
- Restrizzjonijiet ekonomiċi jillimitaw **l-aċċess għall-kura tas-saħħa**. Wara tnaqqis bejn l-2005 u l-2009, is-sehem tal-popolazzjoni li ma setax jaffordja kura medika reġa' beda jiżdied fl-2009, u laħaq it-2.3 % fl-2011. L-allinjament ta' din il-bidla fix-xejra mal-kriżi ekonomika u inugwaljanzi persistenti fid-dħul għall-aċċess għall-kura tas-saħħa juri li r-restrizzjonijiet ekonomiċi naqqsu l-aċċess għall-kura medika.

### Ebda titjib jew titjib insuffiċjenti fid-determinanti tas-saħħa bħall-produzzjoni kimika tossika u espożizzjoni għal tniġġis tal-arja

- **Il-produzzjoni ta' sustanzi kimiċi tossiċi** fl-UE żdiedet ftit bejn l-2002 u l-2007, iżda naqset b'mod konsiderevoli fl-2008 u l-2009 minħabba l-kriżi ekonomika. Sentejn wara (fl-2011), wara li s-suq Ewropew irkupra, il-produzzjoni reġgħet telgħet għal-livell għoli tal-imgħoddi. B'hekk, it-tnaqqis temporanju jista' jkun spjegat mill-ekonomija staġnata li wasslet għal telf fil-produzzjoni industrijali matul il-kriżi ekonomika.
- Bejn l-2000 u l-2011 **l-espożizzjoni urbana għat-tniġġis tal-arja minn materja partikulata** naqset b'mikrogramma għal kull metru kubu, u laħqet livell ta' 27 mikrogramma għal kull metru kubu fl-2011. Madankollu, minħabba l-varjazzjonijiet sostanzjali minn sena għal sena, diffiċli ssir distinzjoni biex tinħareġ xi xejra ċara. Il-mira tal-2010 biex jonqsu l-emissjonijiet għal 20 mikrogramma ma setgħetx tintlaħaq. Fl-2010, l-emissjoni ta' materja partikulata kienet ta' 26 mikrogramma għal kull metru kubu, jiġifieri 6 mikrogrammi ogħla mill-mira.
- **L-espożizzjoni urbana ġenerali għat-tniġġis tal-arja mill-ożonu** żdiedet b'rata annwali medja ta' 1.7 % bejn l-2000 u l-2011. Madankollu, l-iżvilupp kien volatitli minħabba influwenza tat-temp fuq il-konċentrazzjonijiet tal-ożonu u varjazzjoni wiesgħa bejn il-pajjiżi.

## Xejriet ewlenin fit-tibdil fil-klima u l-enerġija

### Tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gass serra tal-UE, iżda żieda fit-temperatura globali

- **L-emissjonijiet tal-gass serra** tal-UE naqsu b'mod sostanzjali mill-1990 lil hawn. L-iktar tnaqqis qawwi seħħ kmieni fis-snin disgħin u bejn l-2007 u l-2011. Il-mira tal-Ewropa 2020 ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gass serra b'20 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990 sal-2020 żgur li hija fattibbli.
- L-ikbar tnaqqis inkiseb fl-industriji tal-manifattura, il-kostruzzjoni u l-enerġija. Is-setturi tal-iskart u tal-agrikoltura naqqsu l-emissjonijiet ukoll, iżda bejniethom jagħmlu sehem żgħir mit-total. L-uniku settur b'emissjonijiet li qed jiżdiedu huwa dak tat-trasport. L-emissjonijiet mill-avjazzjoni internazzjonali u t-trasport marittimu żdiedu b'mod partikolarment mgħaġġel. L-emissjonijiet mit-trasport fuq ilmijiet interni għadhom ogħla mil-livelli tal-1990, iżda wrew xejra li qed tonqos mill-2007.
- It-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gass serra tal-UE huwa megħlub mill-emissjonijiet globali li qed jiżdiedu. Il-konċentrazzjonijiet tal-gassijiet serra fl-atmosfera qed jiżdiedu. Minkejja li hemm perjodu latenti bejn l-emissjonijiet u ż-żieda fit-temperatura, ir-rekords **tat-temperatura medja globali** diġà juru xejra ċara ta' żieda. It-tisħin baqa' jiżdied tul l-aħħar erba' deċenni.

### Ebda xejra ċara lejn domanda iżgħar għall-enerġija

- Wara li żdied bejn wieħed u ieħor kontinwament bejn l-1990 u l-2006, **il-konsum tal-enerġija primarja** fl-UE fl-2011 waqa' għal-livelli tal-1990. Minkejja dan, ix-xejra ta' tnaqqis ma kinitx kontinwa. Għad irid jiġi kkonfermat jekk it-tnaqqis jistax jinżamm ladarba l-ekonomija tal-UE terġa' lejn tkabbir ekonomiku aħjar.
- L-UE **importat iktar minn nofs l-enerġija tagħha** fl-2011. Minn kmieni fis-snin disgħin, is-sehem tal-ħtiġijiet totali tal-enerġija moqdijin minn importazzjonijiet minn pajjiżi mhux fl-UE żdied kważi kull sena. Mill-2006 'l hawn baqa' ftit iktar minn 50 %.

### Espansjoni mgħaġġla ta' enerġiji rinnovabbli, b'mod partikolari fis-settur tad-dawl

- L-enerġija ġġenerata mill-bijomassa, mir-riħ, dik solari u mis-sħana tad-dinja qed tgħin biex jiġi pprovdut sehem dejjem ikbar ta' domanda għal enerġija finali fl-UE. L-Istati Membri kollha żiedu s-**sehem tagħhom tal-enerġija rinnovabbli** bejn l-2005 u l-2011. Filwaqt li l-kontribuzzjoni tal-bijomassa hija l-ikbar waħda mhux bi ftit, l-enerġija mir-riħ u solari espandew bl-iktar rata mgħaġġla.
- Il-penetrazzjoni tal-enerġiji rinnovabbli hija l-ogħla fis-settur tad-dawl, meta r-rinnovabbli kienu jkopru għoxrin fil-mija mill-ġenerazzjoni gross tal-enerġija fl-2011.
- Min-naħa l-oħra, is-sehem ta' enerġija rinnovabbli użata fit-**trasport** niżel fl-2011 meta mqabbel mas-sena ta' qabel. Madankollu, dan huwa dovut għal aġġustamenti statistiċi li jeskludu bijofjuwils li ma ġewx iċċertifikati bħala sostenibbli. Iżda d-dejta tal-2010 turi li l-UE ma laħqitx il-mira interim tagħha li żżid l-użu tal-enerġiji rinnovabbli fit-trasport.

## Xejriet ewlenin fit-trasport sostenibbli

### Ebda diżakkoppjar assolut tal-konsum tal-enerġija fit-trasport mit-tkabbir ekonomiku

- **Il-konsum tal-enerġija fit-trasport għal kull unità tal-PDG** naqas bi 8.3 % mill-2000 lil hawn. Din ix-xejra issaħħet xi ftit mill-bidu tal-kriżi ekonomika, hekk kif il-komponent ambjentali ta' dan l-indikatur — l-użu tal-enerġija fit-trasport — naqas għal erba' snin konsekuttivi wara l-2007. B'mod ġenerali, bejn l-2000 u l-2011, l-użu tal-enerġija fit-trasport żdied b'6.7 %, filwaqt li t-tkabbir ekonomiku kellu rata ogħla, b'16.5 %.
- Dawn ix-xejriet koinċidenti — tkabbir kemm fil-konsum tal-enerġija kif ukoll (saħansitra ikbar) fil-PDG — jimplikaw diżakkoppjar relattiv tal-konsum tal-enerġija fit-trasport mit-tkabbir ekonomiku fl-UE tul il-perjodu bejn l-2000 u l-2011. Diżakkoppjar assolut (jiġifieri tnaqqis fil-konsum tal-enerġija fit-trasport filwaqt li tikber l-ekonomija) seta' jiġi osservat fuq bażi ta' sena wara sena kemm fl-2010 kif ukoll fl-2011. Madankollu, mhuwiex ċar jekk din hijiex xejra li tkompli jew sempliċiment konsegwenza tal-kriżi ekonomika.

### Ebda bidla sostanzjali fil-modi ta' trasport u l-mobilità

- Il-prestazzjoni tat-trasport ta' modi tat-trasport differenti ma tvarjax wisq. Il-**qasma modali tat-trasport tal-passiġġiera** fl-2011 baqgħet ferm simili għal-livelli tal-2000 tagħha. **It-trasport tal-merkanzija** wera xi bidliet żgħar mill-2009, bil-ferrovija li reġgħet irkuprat is-sehem li tilfet mit-trasport bit-triq. Għalhekk, l-ishma modali tat-trasport tal-merkanzija qed joqorbu lejn il-livelli li kellhom fl-2000 ukoll. Madankollu, dawn il-bidliet żgħar jistgħu jkunu dovuti wkoll għal raġunijiet metodoloġiċi.
- Anki jekk il-qasma modali ma turix bidliet kbar fil-livell tal-UE, l-ishma ta' kull mod tat-trasport ivarjaw ħafna bejn l-Istati Membri. Filwaqt li t-trasport bit-triq kien jiddomina kemm it-trasport tal-passiġġieri kif ukoll tal-merkanzija fl-2011, il-ferrovija kellha ishma sostanzjali ta' iktar minn 30 % tat-trasport tal-merkanzija f'uħud mill-Istati Membri, bħall-pajjiżi Baltiċi.
- Ebda effett sostanzjali ta' diżakkoppjar ma huwa osservat għall-volumi tal-merkanzija fir-rigward tal-PDG. Il-kriżi kellha impatt qawwi kemm fuq il-PDG kif ukoll fuq il-volumi tat-trasport, b'dan tal-aħħar li kien affettwat ferm iktar. Mill-2009, in-numri wrew irkupru kajman. Jekk dan jirrappreżentax diżakkoppjar għadu ma jistax jiġi konkluż.

### Impatti negattivi fuq it-trasport li għad iridu jittaffew

- Għadu ma deherx tnaqqis ġenerali tal-**emissjonijiet ta' gass serra mit-trasport** mill-2000 'l hawn. Għad li l-emissjonijiet bdew jonqsu mill-2007 minħabba t-taqlib ekonomiku, dan it-tnaqqis ma pattiex għaż-żidiet fl-emissjonijiet li kien hemm qabel.
- **Il-fatalitajiet fit-triq** komplew jonqsu mill-2000 lil hawn. Madankollu, fl-2010 intlaħaq l-għan ta' 27 000 vittma biss minħabba inċidenti fit-triq. Għalhekk, iridu jiġu implimentati iktar sforzi biex jintlaħaq l-għan tal-2020 ta' inqas minn 15 500 fatalità.

## Xejriet ewlenin fir-riżorsi naturali

### L-UE qed titlef il-kapital naturali tagħha?

- Bejn l-2000 u l-2011 l-**indiċi tal-għasafar komuni** baqa' relattivament stabbli, iżda xejriet iktar polarizzati huma evidenti fil-popolazzjonijiet tal-għasafar komuni li jinsabu fil-kampanja u l-foresti. Filwaqt li l-għasfar tal-foresti żdiedu b'9.7 punti perċentwali tul dan il-perjodu, l-indiċi tal-għasfar tal-kampanja naqas b'5.6 punti perċentwali.
- Bidliet fil-metodi agrikoli, intensifikazzjoni u speċjalizzazzjoni huma primarjament responsabbli għat-tnaqqis ta' għasafar tal-kampanja fit-Tramuntana u l-Punent tal-Ewropa. Il-kawżi ewlenin huma l-forniment ta' sussidji dannużi, nuqqas ta' inċentivi għaż-żamma ta' kampanja b'valur naturali għoli (żoni agrikoli li jsostnu diversità kbira fl-ispeċi u l-ħabitats u/jew speċi ta' tħassib għall-konservazzjoni) u l-użu dejjem ikbar tal-bijomassa għall-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli.
- It-total ta' **qabdiet ta' ħut meħudin mill-istokkijiet barra l-limiti bijoloġiċi sikuri** naqas bi 23.1 punt perċentwali mill-2000 sal-2010. Madankollu, il-valuri annwali mill-2002 sal-2010 ivarjaw madwar medja ta' 16.3 %, li hija ferm ogħla mil-limiti bijoloġiċi sikuri. B'hekk, l-istokkijiet ta' ħut totali għadhom mheddin minn sajd eċċessiv fl-Atlantiku tal-Grigal.

### Flotta tas-sajd li qed tonqos: tajjeb għall-ambjent u l-ekonomija kostali

- Id-daqs tal-**flotta tas-sajd tal-UE** (imkejla f'termini ta' saħħa tal-magna) naqas b'medja ta' 2.4 % fis-sena bejn l-2007 u l-2012. Iżda hemm bżonn ta' iktar sforzi u riformi politiċi għal aġġustament solidu tal-kapaċità tal-flotta, li jwassal għal immaniġġjar tal-istokkijiet tal-ħut iktar sostenibbli u kundizzjonijiet ekonomiċi aħjar għas-sajjieda attivi.

### Astrazzjoni tal-ilma qrib livelli sostenibbli

- **L-astrazzjoni totali tal-ilma naqset matul l-aħħar deċennju** f'ħafna mir-reġjuni tal-Ewropa ħlief tal-Ewropa tal-Lbiċ, fejn kienet kostanti. Pajjiżi bħal-Litwanja, ir-Rumanija u l-Belġju għamlu progress sinifikanti fl-immaniġġjar tal-ilma b'mod iktar sostenibbli.

### L-urbanizzazzjoni u t-trasport jixprunaw iktar użu tal-art fl-UE

- 4.6 % taż-żona tal-art tal-UE kienet koperta minn żoni artifiċjali fl-2012. Id-domandi dejjem ikbar għal djar u attivitajiet ekonomiċi f'żoni urbani u l-espansjoni li qed tikber taż-żoni tan-netwerk f'żoni kostali huma primarjament responsabbli għal tiċkin kontinwu tal-art seminaturali u r-raba' fl-UE.

## Xejriet ewlenin fis-sħubija globali

### Tnaqqis fl-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp, l-UE qed taqa' lura fil-miri tagħha

- Bejn l-2004 u l-2012 l-**għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA)** totali tal-UE mogħtija bħala sehem mill-introjtu nazzjonali gross (ING) żdiedet b'0.05 punti perċentwali, u laħqet iż-0.39 % fl-2012 ([3]).
- Madankollu, tul il-perjodu bejn l-2010 u l-2012 l-ODA totali mill-UE naqset minħabba limitazzjonijiet baġitarji li rriżultaw mill-kriżi ekonomika. Xejra simili tista' tiġi osservata għal donaturi ewlenin oħrajn.
- L-UE diġà ma laħqitx il-mira interim kollettiva tagħha li tiddedika 0.56 % mill-ING tagħha lill-ODA fl-2010. Jekk iż-żieda tkompli bl-istess pass bħal bejn l-2004 u l-2012, l-UE mhijiex ser tilħaq il-mira kollettiva fil-mira tagħha li tiddedika 0.7 % tal-ING tagħha għal għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp fl-2015.

### Żieda fis-sehem ta' finanzjament mill-UE għall-iżvilupp ta' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp

- **Il-finanzjament għall-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp** mill-Istati Membri tal-UE-15, inklużi kemm flussi pubbliċi kif ukoll privati, żdied b'medja ta' 4.6 % fis-sena bejn l-2000 u l-2011. Minkejja din ix-xejra ġenerali pożittiva, jistgħu jiġu osservati bidliet li jistgħu joħolqu imprevidibbiltà għall-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp li jiddependu b'mod partikolari fuq appoġġ finanzjarju estern.
- Mill-2000 lil hawn, is-**sehem ta' ODA lill-inqas pajjiżi żviluppati u pajjiżi oħrajn bi dħul baxx** żdied, bi 52.5 % tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp mill-UE-15 li marret għal dawn il-pajjiżi fl-2011.
- **L-investiment dirett barrani (IDB)** huwa komponent vitali għall-isforzi ta' żvilupp. Madankollu, mill-2000 għall-2011, l-IDB tal-UE-15 lejn l-inqas pajjiżi żviluppati u pajjiżi oħrajn bi dħul baxx naqas b'medja ta' 3.4 % fis-sena, minn 3.2 % tal-IDB totali fl-2000 għal 2.2 % fl-2011.

### Żieda fl-importazzjonijiet tal-UE minn pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp

- **L-importazzjonijiet minn pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp** fl-UE żdiedu b'rata annwali medja ta' 7.8 % bejn l-2000 u l-2012; is-sehem tal-importazzjonijiet tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fl-importazzjonijiet ġenerali tal-UE żdied minn 35.2 % fl-2001 għal 47.2 % fl-2012.
- L-importazzjonijiet miċ-Ċina kienu l-ikbar fattur wara din ix-xejra. Is-sehem tagħhom fl-importazzjonijiet totali tal-UE minn pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp żdied minn 24 % fl-2000 għal 35 % fl-2012. F'termini assoluti, il-volum ta' importazzjonijiet miċ-Ċina fl-2012 kien iktar minn tliet darbiet l-ammont tal-2000.
- **L-importazzjonijiet mill-inqas pajjiżi żviluppati** żdiedu wkoll, iżda bħala medja r-rata ta' tkabbir kienet biss madwar terz tar-rata ta' tkabbir tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kollha fil-fażi tal-iżvilupp lejn l-UE. Fl-2012, l-importazzjonijiet mill-inqas pajjiżi żviluppati kienu għadhom jirrappreżentaw inqas minn 2 % tal-importazzjonijiet ġenerali tal-UE.

### Id-distakk fl-emissjonijiet ta' $CO_2$ qed jonqos minħabba żidiet fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp

- Għad li d-distakk fl-**emissjonijiet ta' $CO_2$ per capita** naqas bejn l-UE u l-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fid-deċennju bejn l-2000 u l-2011, l-emissjonijiet tal-UE għadhom 7.4 tunnellata per capita; 2.6 darbiet ogħla mill-medja tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp ta' 2.9 tunnellati per capita.
- Id-distakk naqas primarjament minħabba żieda fl-emissjonijiet minn pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u l-kriżi finanzjarja li wasslu għal inqas emissjonijiet ta' $CO_2$ per capita fl-UE.

([3]) Dejta provviżorja għall-2012

## Xejriet ewlenin fil-governanza tajba

### Xejriet pożittivi fil-koerenza u l-effettività tal-politiki, iżda inqas fiduċja mill-pubbliku

- Inqas minn nofs iċ-ċittadini tal-UE għandhom **fiduċja fit-tliet istituzzjonijiet ewlenin tal-UE**. Fl-2012, il-Parlament Ewropew kien l-iktar fdat minnhom (44 % taċ-ċittadini jgħidu li jafdawh), segwit mill-Kummissjoni Ewropea (40 %) u l-Kunsill tal-UE (36 %). Il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet politiċi fuq il-livelli politiċi kollha hija ġeneralment baxxa, speċjalment fir-rigward tal-partiti politiċi u l-istituzzjonijiet fil-livell nazzjonali (pereżempju 15 % biss jafdaw lill-partiti politiċi u 27 % jafdaw lill-gvernijiet nazzjonali).
- Bejn l-2007 u l-2012 in-numru ta' **każijiet ġodda ta' ksur relatati mas-Suq Uniku** naqas bi 38 %. Ħafna minn dan it-tnaqqis seħħ mill-2010lil hawn. Kwistjonijiet relatati mat-taxxa u l-ambjent jagħmlu l-ikbar żewġ gruppi ta' każijiet ta' ksur relatat mas-suq uniku mis-settur tal-politika, u jirrappreżentaw 44 % tal-każijiet pendenti kollha ta' ksur f'Novembru 2012.
- Wara li naqas b'mod sinifikanti mill-2000, id-**defiċit tat-traspożizzjoni tal-liġi dwar is-Suq Uniku tal-UE** laħaq livell baxx storiku ta' 0.6 % f'Novembru 2012. Promoss mit-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Intern bħala "l-aqwa riżultat qatt miksub", id-defiċit tat-traspożizzjoni kien 0.4 punti perċentwali taħt il-mira ta' 1 % għat-traspożizzjoni tar-regoli dwar is-Suq Uniku.

### L-interazzjoni onlajn taċ-ċittadini mal-gvernijiet qed tiżdied, iżda hemm inqas parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet

- **L-interazzjoni onlajn taċ-ċittadini mal-awtoritajiet pubbliċi** fl-UE żdiedet bi 8 punti perċentwali bejn l-2008 u l-2012. Wara tnaqqis żgħir fl-2011, l-interazzjonijiet fuq l-internet mal-awtoritajiet pubbliċi reġgħu żdiedu, u laħqu l-44 % fl-2012. Din ix-xejra tirrifletti b'mod parzjali żieda ġenerali fl-użu tal-internet madwar l-UE.
- **In-numru ta' votanti** ra tnaqqis ta' 1.5 punti perċentwali fl-elezzjonijiet parlamentari nazzjonali fl-UE bejn l-2000 u l-2012. Xejra ta' tnaqqis tidher ukoll fil-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet parlamentari tal-UE.

### Ebda ċaqliq miksub fit-tassazzjoni minn taxxi tal-ħaddiema għal taxxi tal-enerġija u ambjentali

- Il-**proporzjon ta' taxxi tal-ħaddiema għal dawk ambjentali** fl-UE żdied b'10.1 % mill-2000 għall-2011. Tul dan il-perjodu, is-sehem ta' taxxi ambjentali fid-dħul totali minn taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali naqas meta mqabbel mat-taxxi tal-ħaddiema. Din ix-xejra tmur kontra l-għanijiet tal-Istrateġija dwar l-Iżvilupp Sostenibbli tal-UE u l-istrateġija Ewropa 2020, li t-tnejn li huma jsejħu għal bidla fit-tassazzjoni minn taxxi tal-ħaddiema għal taxxi tal-enerġija u ambjentali (is-sistema tat-taxxa "iktar ekoloġizzata").
- B'mod simili, ir-**rata tat-taxxa impliċita fuq l-enerġija** naqset ukoll fl-UE. Madankollu, din kienet inqas sostanzjali b'1.6 % biss mill-2000 sal-2011. Il-waqgħa tar-rata tat-taxxa impliċita fuq l-enerġija tindika tnaqqis fil-piż effettiv tat-taxxa fuq l-enerġija fir-rigward tal-bażi potenzjalment taxxabbli.

## L-impatti tal-kriżi ekonomika u finanzjarja globali fuq ix-xejriet ewlenin

L-indikaturi ppreżentati f'dan ir-rapport juru stampa kemxejn konfuża. Barra minn hekk, l-interruzzjonijiet ikkaġunati mill-kriżi ekonomika jagħmluha diffiċli biex wieħed jislet konklużjonijiet komprensivi dwar jekk l-UE mxietx 'il quddiem fit-triq lejn żvilupp sostenibbli.

Bħala konsegwenza tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali li bdiet tard fl-2007, l-UE daħlet f'riċessjoni matul l-2008. Tard fl-2013, hekk kif kien qed jiġi ffinalizzat dan ir-rapport, l-ekonomija tal-UE kienet għadha qed tikber biss b'rata baxxa. L-impatt tal-kriżi kien qawwi u jmur ferm lil hinn mill-ekonomija, tant li affettwa ħafna mix-xejriet soċjali u ambjentali analizzati f'din il-pubblikazzjoni. Din it-taqsima tipprovdi sommarju qasir tal-oqsma affettwati tul perjodu li jibda fl-2007 u li jestendi, fejn possibbli, sal-2011/2012/ Għad li f'dan il-punt għadu mhuwiex ċar, uħud mill-konsegwenzi, bħal livelli inqas ta' investiment, jista' jkollhom effetti fit-tul u riperkussjonijiet persistenti li ser jingħarfu biss f'rapporti oħrajn fil-ġejjieni.

Il-problemi ta' likwidità fis-settur bankarju, li bdew fl-2007, wasslu għal għafsa fuq il-kreditu u waqgħa fil-prezzijiet tal-assi, u dawn wasslu għal inqas domanda tal-konsumaturi u żieda fit-'tfaddil tal-familji', tnaqqis fl-'investiment' minn negozji u familji, telf fil-kummerċ internazzjonali (rifless fl-indikatur

"importazzjonijiet minn pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp") u tnaqqis fil-'PDG reali per capita'. Il-livelli ta' "dejn pubbliku" żdiedu drastikament. L-"impjiegi" naqsu, speċjalment fost iż-żgħażagħ, u l-irġiel intlaqtu iktar min-nisa ("impjieg tan-nisa"). Ix-xejra ta' żieda fir-"rata ta' impjieg ta' ħaddiema kbar fl-età" battiet. Minħabba persunal eċċessiv u bidliet fil-ħinijiet tax-xogħol, kien hemm telf fil-"produttività tax-xogħol".

Min-naħa l-oħra, in-"nefqa fuq ir-riċerka u l-iżvilupp" żdiedet, hekk kif bosta pajjiżi taw spinta lin-nefqa tagħhom biex jippruvaw isostnu l-irkupru ekonomiku u t-tkabbir fit-tul. Bħala tweġiba għad-domanda li naqset, il-produzzjoni industrijali naqset ukoll. Dan deher ċar fl-eżempju tal-"produzzjoni ta' sustanzi kimiċi tossiċi".

Iż-żieda fil-"qgħad" u l-"qgħad fit-tul" kellha impatti soċjali. Għad li r-"riskju ta' faqar" ġenerali naqas, dan żdied għall-grupp tal-età ta' bejn 25 u 49 sena u żdied ftit ukoll għal dawk ta' bejn 18 u 24 sena. L-"intensità tal-faqar" kibret ukoll, kif ukoll is-"suwiċidji", speċjalment fost l-irġiel u dawk ta' età medja. Ir-"rata grossa ta' migrazzjoni netta" waqgħet ukoll, aktarx bħala reazzjoni għad-diffikultà fis-sejbien ta' xogħol fl-UE. F'termini tal-ġlieda kontra l-faqar globali, il-"finanzjament għall-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp" naqas, minħabba flussi mnaqqsin minn donaturi privati, minflok sorsi uffiċjali jew NGOs.

Id-domanda għall-enerġija ("konsum finali tal-enerġija") naqas b'mod parallel mal-PDG. Dan il-konsum imnaqqas wassal għal stabbilizzazzjoni tad-"dipendenza fuq l-enerġija" tal-UE, u warrab ix-xejra ta' dipendenza ikbar li kienet ilha stabbilita. L-"emissjonijiet tal-gass serra" u l-"emissjonijiet atmosferiċi" niġġiesa, li diġà kienu qed jonqsu, komplew jonqsu b'rata iktar mgħaġġla.

It-trasport tal-merkanzija naqas iktar malajr mill-PDG (rifless fl-indikatur "volum tat-trasport tal-merkanzija fir-rigward tal-PDG"). Minkejja dan, il-konsum tal-enerġija fit-trasport naqas b'rata inqas mill-PDG ("konsum tal-enerġija fit-trasport fir-rigward tal-PDG"), aktarx minħabba tnaqqis iktar kajman fit-trasport tal-passiġġiera. L-"emissjonijiet ta' gass serra mit-trasport" naqsu, u l-"emissjonijiet ta' ossidi tan-nitroġenu ($NO_X$) mit-trasport" u l-"emissjonijiet ta' materja partikulata mit-trasport" naqsu b'rata iktar mgħaġġla milli fis-snin ta' qabel. In-"numru ta' nies li mietu f'inċidenti tat-traffiku" niżel ukoll, aktarx minħabba volumi inqas tat-traffiku.

Ir-reazzjoni pubblika għall-kriżi u kif ġiet ikkontrollata huma riflessi fit-tnaqqis tal-"kunfidenza taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet tal-UE" u fin-"numru ta' votanti fl-elezzjonijiet nazzjonali".

B'mod ġenerali, iċ-ċirkustanzi spjegati hawn fuq jagħmluha diffiċli biex jiġi vvalutat jekk sarx progress veru lejn żvilupp sostenibbli fl-UE tul l-aħħar ftit snin. Madankollu, peress li kważi nofs l-indikaturi ewlenin tal-SŻS tal-UE stabbiliti mixjin f'direzzjoni mhux favorevoli b'mod moderat jew ċar, jidher li hemm bżonn li jsiru iktar sforzi biex l-Unjoni Ewropea taqbad it-triq lejn żvilupp sostenibbli.